Tribunal Industrijali

Decizzjoni Numru 2409

Kaz Numru 3290

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

Bejn

Kaptan Massimiliano Bani

U

Highland Lassie Limited u Idroj Limited

Dwar allegazzjoni ta' tkeccija mill-impjieg li hi ingusta

Illum 5 ta' Ottubru 2015

Chairman: Dr. Martin Fenech LL.D. Dip. Adv. Eur. Stud. (Bruges)

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali wara rikors mibghut lit-Tribunal Industrijali datata 11 ta' Settembru 2014 mill-Avukat Dr. Jonathan Thompson li bghat dan ir-rikors ghan-nom tal-Kaptan Massimiliano Bani fejn talab li dan il-kaz jinstema' quddiem it-Tribunal Industrijali .

Massimiliano Bani kien assistit minn Dr. Jonathan Thompson u s-socjetajiet intimati kienu assistiti minn Dr. Paul Gonzi.

**Dikjarazzjonijiet tal-Kaz**

Fl-istqarrija tal-kaz l-appellant ddikjara li kien ingaggat bhala Kaptan fuq bastiment wahda li kellha bhala sid kumpanija u wara gie offrut xoghol fuq bastiment ohra li kienet taht kumpnaija ohra u inghata

struzzjonijet sabiex jizbarka mill-bastiment. L-appellant qieghed jallega li ma inghatx raguni valida ghat-tkeccija tieghu.

Is-socjeta fl-istqarrija taghha qalet li s-socjeta appellata kienet giet infurmata li l-appellant kien temm ix-xoghol tieghu.

It-Tribunal pero mhux ser jidhol fil-mertu tat-tkeccija ghall-issa ghax hemm l-ewwel zewg eccezzjonijiet tas-socjetajiet intimati dwar il-kompetenza ta' dan it-Tribunal u ghall-liema socjeta kellha issir din il-kawza.

**PROVI**

Xehed Jonathan Vassallo li huwa direttur tas-socjeta Highland Lassie u tal-kumpnaija Idroj Limited fejn qal li r-rikorrenti kien ingaggat bhala Kaptan. Kien jahdem l-ewwel fuq il-bastiment tal-kumpanija Highland Lassie Limited u wara fuq il-bastiment ta' Idroj Limited. Dejjem hadem bhala Kaptan.

Illi ghar-rigward l-ewwel eccezzjoni dwar liema miz-zewg socjetajiet hija l-legittimu kunbtradittur dan it-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi fuq il-provi anki l-provi dokumentarji li ingabbru kif ukoll fuq x-xhieda viva vove li s-socjeta li hija l-principal tal-appellant hija s-socjeta Idroj Limited u s-socjeta l-ohra Highland Lassie Limited ghandha tigi liberata mill-gudizzju ta' dan it-Tribunal. Ghalkemm the ultimate beneficiary huwa l-istess wiehed xorta jibqa l-fatt li daw huma zewg kumpaniji ben distinti minn wiehed ghall-iehor u huma tenuti li legalment huma zewg persuni guridici differenti.

Illi ghar-rigward it-tieni eccezzjoni dwar il-kompetenza it-Tribunal jirrileva li dan ir-rikors huwa bbazat fuq l-artikilu 75 tal-Kap 452 dwar tkeccija ingusta. L-appellant jsostni illi l-artiklu tnejn (2) tal-Kap 234 jistipula x'inhu bahri u jghid spcifikanmt li bahri jinkludi kull persuna barra (master), bdott u apprendist .... It-Tribunal jaghmel referenza ghall-artiklu 99 tal-istess Kap 234 fejn jaghti specifkament rimedju dwar tkeccija ingusta lill-kaptan pero l-Ligi tieqaf hesrem u ma tispecifikax liema Qorti ghandha kompetenza.

Tenut kont ta' dan l-artiklu it-Tribunal jiddeciedi li huwa t-Tribunal Industrijal il ighandu jiddecidi fuq tkeccija ingusta fuq affarijiet relatati

ma Kaptan ghax huwa ezkluz mid-definizzjoni ta' bahri fl-artikli tnejn (2) tal-Kap 234 u b'hekk jaqa taht l-Kap 452 artiklu hamsa u sebghin (75).

**Decizzjoni**

It-Tribunal Industrjali wara li kkunsidera l-istatements u s-sottomissjonijiet tal-partijiet ikkoncernati ra u ezamina d-dokumenti ezebiti, sema' u evalwa x-xhieda prodotti, u l-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz jiddikjara li dan it-Tribunal huwa kompetenti li jisma' l-kawza odjerna u jordna l-prosegwiment tal-kawza.

Ghaldaqstant it-Tribunal Industrijali jiddeciedi filwaqt li jilqa' l-ewwel eccezzjoni dwar liema kumpanija hija kompetenti li tidher quddiem dan it-Tribunal li hija s-socjeta Idroj Limited biss u qieghed jichad it-tieni eccezzjoni dwar il-kompetenza u jordna l-prosegwiment tal-kawza.

(iffirmat)
Dr. Martin Fenech
Chairman

VERA KOPJA

Graziella Spiteri
Ghas-Segretarju